# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/178

## tal-14 ta' Diċembru 2022

## dwar il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat mill-Iżvizzera skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri ta' prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

*(notifikata bid-dokument C(2022) 9236)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

### KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri jridu jfasslu pjanijiet ta' prestazzjoni, f'livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), li għandhom jinkludu miri ta' prestazzjoni vinkolanti għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri ta' prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat.

(2) Il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew stabbiliti oriġinarjament fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([4]). Minħabba li dawk il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni tal-RP3 sussegwentement mressqin f'Ottubru 2019 mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020, dawn ma qisux it-tnaqqis konsiderevoli fit-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex jikkontrollaw il-pandemija.

(3) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 ([5]). Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 ([6]) li tistabbilixxi miri ta' prestazzjoni riveduti għall-Unjoni kollha għall-RP3. Abbażi ta' dan, f'Ottubru 2021, l-Istati Membri ppreżentaw abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni lill-Kummissjoni li kien fihom miri ta' prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3.

---

([1]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 73.

([2]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([3]) ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1.

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

(4) L-Iżvizzera ppreżentat l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tagħha fil-livell tal-FAB lill-Kummissjoni, f'dan il-każ fil-livell tal-Blokk tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali tal-Ewropa Ċentrali ("FABEC"), flimkien mal-Belġju, mal-Ġermanja, ma' Franza, mal-Lussemburgu u man-Netherlands ("l-Istati Membri li huma parti mill-FABEC"). Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/780 ([7]) tagħha, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Iżvizzera li l-miri ta' prestazzjoni tal-kostefficjenza għaż-żona tal-imposti en route ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC ma kinux konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. F'dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miri ta' prestazzjoni applikabbli għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru pprovduti fl-ispazju tal-ajru tal-Iżvizzera ma wasslux għal tħassib fir-rigward tal-konsistenza tagħhom mal-miri ta' prestazzjoni korrispondenti għall-Unjoni kollha.

(5) Bi tweġiba għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni imponiet miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru li mhuwiex irreġistrat fir-Russja li huwa proprjetà ta' jew mikri b'lokazzjoni, jew inkella li huwa kkontrollat minn kwalunkwe persuna, entità jew korp fiżiku jew ġuridiku Russu milli jinżel u jitlaq minn, jew itir minn fuq it-territorju tal-Unjoni. Dawk il-miżuri restrittivi u l-kontromiżuri adottati mir-Russja wasslu għal bidliet fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru Ewropew. Ċerti Stati Membri ġew affettwati serjament minn tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' titjiriet fuq l-ispazju tal-ajru taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Madankollu, fil-livell tal-Unjoni kollha, l-impatt osservat fuq l-għadd ta' titjiriet kien limitat b'kuntrast mat-tnaqqis qawwi tat-traffiku tal-ajru madwar l-Ewropa li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19.

(6) Fit-13 ta' Lulju 2022, l-Iżvizzera, b'mod konġunt mal-Belġju, ma' Franza, mal-Ġermanja, mal-Lussemburgu u man-Netherlands, ippreżentat abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC għall-RP3 lill-Kummissjoni.

(7) Fl-24 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni kkonkludiet li għad hemm dubji dwar il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni tal-kostefficjenza riveduti proposti għaż-żona tal-imposti en route ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u bdiet l-eżami dettaljat stabbilit fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 fir-rigward ta' dawk il-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC. Il-Kummissjoni nnotifikat lill-Iżvizzera b'dan permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2256 tagħha ([8]).

(8) Fl-4 ta' Novembru 2022, l-Iżvizzera infurmat lill-Kummissjoni li rtirat mill-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, u ppreżentat lill-Kummissjoni abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni għall-RP3 stabbilit fil-livell nazzjonali (l-"abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali"). L-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali jżomm il-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru pprovduti fl-ispazju tal-ajru tal-Iżvizzera fil-livell stabbilit fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2022. Effettivament ma kien hemm l-ebda benefiċċju jew sinerġija addizzjonali fil-prestazzjoni għall-Iżvizzera li jirriżultaw mill-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC. L-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali ma jelenka l-ebda impatt negattiv li jirriżulta mill-waqfien tal-attivitajiet tal-ippjanar tal-prestazzjoni u tal-iffissar tal-miri fil-livell tal-FABEC.

(9) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ippreżenta lill-Kummissjoni rapport li fih il-valutazzjoni tiegħu tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali.

(10) F'konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni, filwaqt li qieset iċ-ċirkostanzi lokali, ivvalutat il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni lokali inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali tal-Iżvizzera abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni ta' prestazzjoni u l-miri ta' prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha billi rrieżaminat l-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/780 tat-13 ta' April 2022 dwar l-inkonsistenza ta' ċerti miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz ta' pjan tal-prestazzjoni ta' blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali sottomess mill-Iżvizzera skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni tal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju u li tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet għar-reviżjoni ta' dawk il-miri (ĠU L 139, 18.5.2022, p. 218).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2256 tal-15 ta' Novembru 2022 dwar il-bidu tal-eżami ddettaljat ta' ċerti miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz rivedut tal-pjan tal-prestazzjoni għat-tielet perjodu referenzjarju ppreżentat mill-Iżvizzera fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 297, 17.11.2022, p. 80).

(11) It-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ippubblikat f'Ġunju 2022 iqis it-tibdil fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-premessa 5. Abbażi ta' dik il-previżjoni, il-Kummissjoni tinnota li l-Iżvizzera ma hijiex mistennija tesperjenza bidliet kbar fil-flussi tat-traffiku tal-ajru matul l-RP3 bħala riżultat tal-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna. Għalhekk, dak it-tibdil fiċ-ċirkostanzi ma jaffettwax direttament il-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali jew il-valutazzjoni ta' dawk il-miri fir-rigward tal-konsistenza tagħhom mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

(12) L-Iżvizzera qablet li din id-Deċiżjoni tiġi adottata u nnotifikata bl-Ingliż.

## VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

### Valutazzjoni tal-miri ta' prestazzjoni fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tas-sikurezza

(13) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri ppreżentati mill-Iżvizzera rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ("ANSPs") abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(14) Il-miri ta' prestazzjoni tas-sikurezza lokali proposti mill-Iżvizzera fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassmin skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

| **L-Iżvizzera** | **Il-miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni**, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("EASA") | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat** | **Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza** | **2022** | **2023** | **2024** | ***Miri għall-Unjoni kollha (2024)*** |
| **Skyguide** | Politika u objettivi tas-sikurezza | C | C | **C** | ***C*** |
| | Ġestjoni tar-riskji għas-sikurezza | C | D | **D** | ***D*** |
| | Aċċertament tas-sikurezza | C | C | **C** | ***C*** |
| | Promozzjoni tas-sikurezza | C | C | **C** | ***C*** |
| | Kultura ta' sikurezza | C | C | **C** | ***C*** |

(15) Il-miri ta' prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Iżvizzera għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ("ANSP"), jiġifieri Skyguide, huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

(16) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat mill-Iżvizzera jistabbilixxi miżuri għal Skyguide għall-ilħuq tal-miri ta' prestazzjoni tas-sikurezza lokali, bħall-analiżi mtejba tad-*data* dwar is-sikurezza, l-integrazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju mal-kontinwità tal-operat u l-ġestjoni tal-kriżijiet, u l-użu ta' sistema ċentralizzata ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju.

(17) Għalhekk, fid-dawl ta' dak li ntqal fil-premessi 14, 15 u 16 meta jitqies li l-miri ta' prestazzjoni tas-sikurezza għall-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, il-miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tas-sikurezza inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali jenħtieġ li jitqiesu li huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

**Valutazzjoni tal-miri ta' prestazzjoni fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent**

(18) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent, il-konsistenza tal-miri ppreżentati mill-Iżvizzera rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali en route stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fit-2 ta' Ġunju 2021, il-ħin tal-adozzjoni tal-miri ta' prestazzjoni riveduti għall-Unjoni kollha għall-RP3.

(19) Fir-rigward tas-sena 2020, il-mira ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent, li qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Bl-istess mod, mhuwiex possibbli li jiġu mmodifikati b'mod retroattiv, fl-abbozz rivedut tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, il-miri ta' prestazzjoni ambjentali lokali għas-sena 2021 stabbiliti mill-Istati Membri fl-abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni ppreżentati f'Ottubru 2021. Għalhekk, il-konsistenza tal-miri lokali ta' prestazzjoni ambjentali jenħtieġ li tiġi vvalutata mal-miri ta' prestazzjoni korrispondenti għall-Unjoni kollha fir-rigward tas-snin 2022, 2023 u 2024.

(20) Il-miri ta' prestazzjoni fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Iżvizzera u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

| **L-Iżvizzera** | **2022** | **2023** | **2024** |
|---|---|---|---|
| **Il-miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent,** espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali | **3,95 %** | **3,95 %** | **3,95 %** |
| Valuri referenzjarji | 3,95 % | 3,95 % | 3,95 % |

(21) Il-Kummissjoni tosserva li l-miri tal-ambjent proposti mill-Iżvizzera huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja tal-2022, tal-2023 u tal-2024.

(22) Il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali, l-Iżvizzera ppreżentat miżuri għall-ilħuq tal-miri tal-ambjent lokali li jinkludu l-implimentazzjoni tal-ispazju tal-ajru b'rotot liberi, l-użu ta' għodda ta' ottimizzazzjoni li tippermetti rotot iktar effiċjenti, l-użu estiż tal-għodda tal-maniġer tal-wasla għall-ispazju tal-ajru en route, u l-ġestjoni mtejba tal-ispazju tal-ajru militari. Il-Kummissjoni tistieden ukoll lill-Iżvizzera biex tistabbilixxi l-miżuri rakkomandati kollha mill-ERNIP biex ittejjeb it-trajettorji en route.

(23) Għalhekk, fid-dawl ta' dak li ntqal fil-premessi 20, 21 u 22, il-miri fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali jenħtieġ li jitqiesu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

**Valutazzjoni tal-miri ta' prestazzjoni fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità**

(24) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità, il-konsistenza tal-miri ppreżentati mill-Iżvizzera rigward id-dewmien medju fil-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") en route għal kull titjira ġie vvalutat abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fit-2 ta' Ġunju 2021, il-ħin tal-adozzjoni tal-miri ta' prestazzjoni riveduti għall-Unjoni kollha għall-RP3.

(25) Fir-rigward tas-sena 2020, il-mira ta’ prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni ta’ prestazzjoni tal-kapaċità, li qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu għall-applikazzjoni ta’ dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Bl-istess mod, mhuwiex possibbli li jiġu mmodifikati b’mod retroattiv, fl-abbozz rivedut tal-pjanijiet ta’ prestazzjoni, il-miri ta’ prestazzjoni tal-kapaċità lokali għas-sena 2021 stabbiliti mill-Istati Membri fl-abbozz tal-pjanijiet ta’ prestazzjoni ppreżentati f’Ottubru 2021. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi vvalutata l-konsistenza tal-miri ta’ prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri ta’ prestazzjoni korrispondenti għall-Unjoni kollha fir-rigward tas-snin 2022, 2023 u 2024.

(26) Il-miri tal-kapaċità en route proposti mill-Iżvizzera għall-RP3, espressi f’minuti ta’ dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

| **L-Iżvizzera** | **2022** | **2023** | **2024** |
|---|---|---|---|
| **Il-miri fil-qasam ewlieni ta’ prestazzjoni tal-kapaċità**, espressi f’minuti ta’ dewmien tal-ATFM għal kull titjira | **0,19** | **0,19** | **0,19** |
| Valuri referenzjarji | 0,19 | 0,19 | 0,19 |

(27) Il-Kummissjoni tosserva li l-miri tal-kapaċità proposti mill-Iżvizzera huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja tal-2022, tal-2023 u tal-2024.

(28) Il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz rivedut tal-pjan ta’ prestazzjoni nazzjonali, l-Iżvizzera ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali en route. Dawk il-miżuri jinkludu spazju tal-ajru b’rotot liberi, għodod u proċeduri tat-tbassir u tat-teħid tad-deċiżjonijiet imtejba, kif ukoll rostering u reklutaġġ flessibbli, kif meħtieġ, biex jinżammu livelli adegwati ta’ persunal.

(29) Għalhekk, fid-dawl ta’ dak li ntqal fil-premessi 26, 27 u 28, il-miri fil-qasam ewlieni ta’ prestazzjoni tal-kapaċità inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta’ prestazzjoni nazzjonali jenħtieġ li jitqiesu konsistenti mal-miri ta’ prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

**Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal**

(30) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikolu 1(3) u (4) ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-miri tal-kapaċità en route billi rrieżaminat il-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f’konformità mal-punt 2.1.(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Fir-rigward tal-Iżvizzera, ma nstabx li dawk il-miri jqajmu tħassib.

**Valutazzjoni tal-miri ta’ prestazzjoni fil-qasam ewlieni ta’ prestazzjoni tal-kostefficjenza**

(31) Il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-kostefficjenza proposti fl-abbozz rivedut tal-pjan ta’ prestazzjoni nazzjonali abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(32) Il-miri tal-kostefficjenza en route proposti mill-Iżvizzera għall-RP3 huma kif ġej:

| **Żona tal-imposti en route tal-Iżvizzera** | **Valur ta’ bażi tal-2014** | **Valur ta’ bażi tal-2019** | **2020-20-21** | **2022** | **2023** | **2024** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Miri tal-kostefficjenza en route**, espressi bħala kost unitarju ddeterminat en route (f’termini reali bil-prezzijiet tal-2017) | **107,06 CHF** | **97,59 CHF** | **226,30 CHF** | **114,58 CHF** | **103,45 CHF** | **95,61 CHF** |
| | 96,35 EUR | 87,82 EUR | 203,64 EUR | 103,11 EUR | 93,10 EUR | 86,04 EUR |

(33) Fir-rigward tal-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-kost unitarju determinat ("DUC") en route fil-livell taż-żona tal-imposti ta' -0,5 % matul l-RP3 jisboq ix-xejra għall-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(34) Fir-rigward tal-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC en route fil-livell taż-żona tal-imposti ta' -1,2 % matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2") u l-RP3 hija inqas mix-xejra fit-tul għall-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(35) Fir-rigward tal-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 87,82 tal-Iżvizzera, espress bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa +22,0 % ogħla mill-valur bażi medju ta' EUR 72,01 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti.

(36) Huwa ċar li l-Iżvizzera tisboq ix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha għall-RP3. Barra minn hekk, id-DUC tal-Iżvizzera fl-2024 huwa iktar baxx mill-valuri bażi tal-2014 u tal-2019, u dan juri li nkisbu gwadanji effettivi fil-kosteffiċjenza fuq terminu medju u twil. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, fir-rigward tal-Iżvizzera, id-devjazzjoni minuri mix-xejra tad-DUC fit-tul għall-Unjoni kollha msemmija fil-premessa 34 u d-differenza bejn il-valur bażi u l-medja tal-grupp komparatur msemmija fil-premessa 35 ma jipprekludux lill-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza milli jkunu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha.

(37) Għalhekk, fid-dawl ta' dak li ntqal fil-premessi 32 u 36, il-miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali jenħtieġ li jitqiesu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

**Rieżami tal-miri tal-kostefficjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal**

(38) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikolu 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-miri tal-kostefficjenza en route billi rrieżaminat il-miri tal-kostefficjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(39) Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/780, il-Kummissjoni qajmet tħassib dwar il-miri tal-kostefficjenza fit-terminal proposti mill-Iżvizzera fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC ippreżentat fl-2021, u qieset li l-Iżvizzera kellha tiġġustifika iktar dawk il-miri jew tirrevedihom 'l isfel. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-Iżvizzera la rrevediet dawk il-miri u lanqas ma pprovdiet ġustifikazzjoni ulterjuri.

(40) Il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC għall-RP3 fit-terminal ta' +2,7 % għadha ogħla mix-xejra tad-DUC en route għall-RP3 ta' -0,5 % u għadha ogħla mix-xejra reali tad-DUC fit-terminal ta' -3,4 % osservata matul l-RP2. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li d-DUC tat-terminal għall-Ajruporti ta' Ġinevra u ta' Zurich huwa stmat li jibqa' ogħla mid-DUC medjan tal-grupp komparatur rilevanti b'marġni sinifikanti.

(41) Għalhekk, fid-dawl ta' dak li ntqal fil-premessi 39 u 40, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miri tal-prestazzjoni tal-kostefficjenza fit-terminal tal-Iżvizzera għadhom iqajmu tħassib. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ttenni l-fehma tagħha li l-Iżvizzera jenħtieġ li tirrevedi 'l isfel dawk il-miri jew tipprovdi ġustifikazzjonijiet adegwati għal dawk il-miri. L-Iżvizzera jenħtieġ li tindirizza dak it-tħassib b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan ta' prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-Artikolu 16, il-punt (a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

**Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-miri tal-kapaċità**

(42) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-miri tal-kapaċità billi rrieżaminat l-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskemi ta' inċentivi proposti jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(43) Fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2022/780, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Iżvizzera għandha tirrevedi l-iskemi ta’ inċentivi tagħha biex jintlaħqu miri tal-kapaċità en route u fit-terminal b’tali mod li l-akbar żvantaġġ finanzjarju li jirriżulta minn dawk l-iskemi ta’ inċentivi jiġi stabbilit f’livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f’riskju. Il-Kummissjoni tinnota li l-Iżvizzera ma għamlet l-ebda tibdil f’dawk l-iskemi ta’ inċentivi meta mqabbla mal-abbozz tal-pjan ta’ prestazzjoni tal-FABEC ippreżentat fl-2021 u mal-abbozz rivedut tal-pjan ta’ prestazzjoni tal-FABEC ippreżentat f’Lulju 2022.

(44) Għalhekk, fid-dawl ta’ dak li ntqal fil-premessa 43, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-iskemi ta’ inċentivi stabbiliti fl-abbozz rivedut tal-pjan ta’ prestazzjoni nazzjonali għadhom iqajmu tħassib. Għalhekk, il-Kummissjoni ttenni l-fehma tagħha li l-Iżvizzera jenħtieġ li tirrevedi l-iskemi ta’ inċentivi tagħha għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità en route u l-miri tal-kapaċità fit-terminal, b’rabta mal-adozzjoni tal-pjan ta’ prestazzjoni finali tagħha f’konformità mal-Artikolu 16, il-punt (a), tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/317, sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta’ inċentivi jiġu stabbiliti f’livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f’riskju, kif meħtieġ espressament skont l-Artikolu 11(3), il-punt (a), ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni. Fil-fehma tal-Kummissjoni dak jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu ugwali jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati.

**KONKLUŻJONIJIET**

(45) Fid-dawl ta’ dak kollu li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li l-miri ta’ prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta’ prestazzjoni nazzjonali ppreżentat mill-Iżvizzera huma konsistenti mal-miri ta’ prestazzjoni għall-Unjoni kollha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miri ta’ prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan ta’ prestazzjoni ppreżentat mill-Iżvizzera fl-4 ta’ Novembru 2022, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, u elenkati fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri ta’ prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Konfederazzjoni Żvizzera.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta’ Diċembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*
Adina-Ioana VĂLEAN
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

## Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat mill-Iżvizzera skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

### QASAM EWLIENI TA' PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

### Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

| **L-Iżvizzera** | **Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni**, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat** | **Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza** | **2022** | **2023** | **2024** |
| Skyguide | Politika u objettivi tas-sikurezza | C | C | **C** |
| | Ġestjoni tar-riskji għas-sikurezza | C | D | **D** |
| | Aċċertament tas-sikurezza | C | C | **C** |
| | Promozzjoni tas-sikurezza | C | C | **C** |
| | Kultura ta' sikurezza | C | C | **C** |

### QASAM EWLIENI TA' PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

### Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali

| **L-Iżvizzera** | **2022** | **2023** | **2024** |
|---|---|---|---|
| **Il-miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent,** espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali | **3,95 %** | **3,95 %** | **3,95 %** |

### QASAM EWLIENI TA' PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

### Dewmien medju tal-ATFM en route f'minuti għal kull titjira

| **L-Iżvizzera** | **2022** | **2023** | **2024** |
|---|---|---|---|
| **Il-miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità**, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira | **0,19** | **0,19** | **0,19** |

### QASAM EWLIENI TA' PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

### Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route

| **Żona tal-imposti en route tal-Iżvizzera** | **Valur ta' bażi tal-2014** | **Valur ta' bażi tal-2019** | **2020-20-21** | **2022** | **2023** | **2024** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-miri tal-kosteffiċjenza en route**, espressi bħala kost unitarju ddeterminat en route (bil-prezzijiet tal-2017) | **107,06 CHF** | **97,59 CHF** | **226,30 CHF** | **114,58 CHF** | **103,45 CHF** | **95,61 CHF** |
| | 96,35 EUR | 87,82 EUR | 203,64 EUR | 103,11 EUR | 93,10 EUR | 86,04 EUR |